

Skeda Informativa

ECHA 14-FS-04-MT

L-Inventarju pubbliku tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikkettar (C&L)

L-Inventarju pubbliku C&L huwa dejtabejż ċentrali li tinkludi informazzjoni tal-klassifikazzjoni u l-ittikkettar dwar sustanzi notifikati li huma disponibbli fis-suq tal-UE.

Jiprovdi wkoll lista ta' sustanzi li huma kategorizzati bħala li għandhom klassifikazzjoni u ttikkettar armonizzati, skont l-Anness VI tar-Regolament CLP.

NOTIFIKAR LILL-INVENTARJU C&L

Is-sustanzi kollha fis-suq tal-UE fl-1 ta' Diċembru 2010 kellhom jiġu notifikati qabel it-3 ta' Jannar 2011 u sustanzi ġodda għandhom jiġu notifikati fi żmien xahar mit-tqegħid tagħhom fis-suq. Fil-preżent, l-ECHA irċeviet ħafna aktar minn 6 miljun notifika għal aktar minn 120 000 sustanza u dejtabejż qed tikber kuljum.

Ir-Regolament CLP¹ jeħtieġ li l-importaturi u l-manifatturi kollha ta' sustanzi perikolużi mqiegħda fis-suq tal-UE u s-sustanzi kollha soġġetti għal reġistrazzjoni taħt ir-Regolament REACH jinnotifikaw il-klassifikazzjoni u l-ittikkettar tas-sustanzi tagħhom lill-ECHA fi żmien xahar mit-tqegħid tagħhom fis-suq. Min-naħħa tagħha, l-ECHA ser iż-żomm Inventarju tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikkettar (C&L) li jkun fih l-informazzjoni kollha notifikata u jagħmel

ċerti elementi tad-dejtabejż pubblikament aċċessibbli (l-inventarju pubbliku C&L).

INFORMAZZJONI INKLUŻA FL-INVENTARJU PUBBLIKU C&L

Il-kontenut tal-Inventarju pubbliku C&L huwa definit mir-Regolament CLP. Dan jikkonsisti f'ċerti elementi tal-identità tas-sustanza u fl-elementi kollha tal-klassifikazzjoni u l-ittikkettar (C&L). L-isem u n-numru EC tas-sustanzi EINECS kollha u kull meta possibbli, s-sustanzi l-oħrajn kollha fl-inventarju tal-KE, jiġu ppubblikati. Barra minn hekk, meta sustanza tiġi kklassifikata f'dawk il-klassijiet ta' perikolu imsemmija fl-Artikolu 119(1) tar-Regolament REACH (li jkopri l-parti l-kbira tal-klassijiet ta' perikolu CLP) minn tal-inqas notifikatur wieħed, hemmhekk jiġu ppubblikati l-elementi C&L min-notifikasi kollha għal dik is-sustanza. L-isem IUPAC jiġi ppubblikat biss minn notifikasi li jikklassifikaw fil-klassijiet ta' perikolu msemmija fl-Artikolu 119(1).

L-informazzjoni li ġejja mhijiex inkluża fl-Inventarju pubbliku C&L:

- id-dettalji ta' kuntatt tan-notifikatur;
- il-kompożizzjoni u l-profil ta' impuritā tas-sustanzi.

F'ċerti każijiet, anke meta sustanza tiġi notifikata bħala perikoluża (skont l-Artikolu 119(1)) l-isem IUPAC jista' jaqa' taħt klejm ta' kunfidenzjalit u għaldaqstant ma jiġix ippubblikat. Il-klassifikazzjoni u l-ittikkettar armonizzati għal sustanzi (Tabelli 3.1 u 3.2 tal-Anness VI għar-Regolament CLP) huma

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ ta' sustanzi u taħlitiet.

inklużi fl-inventarju.

KIF JINTUŻA L-INVENTARJU PUBBLIKU

L-inventarju pubbliku jiprovdi diversi possibiltajiet ta' tfittxija ibbażati fuq kemm l-identità kif ukoll il-klassifikazzjoni tas-sustanza. Utent li jkun interessat f'sustanza jew grupp ta' sustanzi partikolari jista' jfittek billi juża l-isem EC kollok jekk parti minnu, l-isem tal-Indiċi tal-Anness VI CLP u l-isem IUPAC jew in-numri kollha jekk parti minnhom ta' EC, CAS jekk tal-Indiċi tal-Anness VI CLP.

Għall-faċilità tal-użu, il-klassifikazzjonijiet ġew isseparati f'perikoli fiżiki, għas-saħħa u ambjentali u l-utent jista' jekk jagħżel il-kodiċijiet tal-klassi ta' perikolu jekk jaġid il-kategorija abbrevjati (eż. Toss. Akut 4) jew il-Kodiċijiet tad-dikjarazzjoni ta' perikolu (eż. H302). Jekk jiġu kkombinati l-elementi tal-identità tas-sustanza u tal-klassifikazzjoni, ir-riżultati ta' tfittxija jkunu rfinuti aktar.

Ir-riżultati tat-tfittxija jiġu pprovduti abbażi tas-sustanzi. Meta tintagħżel sustanza waħda mir-riżultati, l-utent jiġi ggwidat lejn paġna sommarju li telenka l-ewwel iskrizzjonijiet armonizzati (jekk ikun hemm) imbagħad il-klassifikazzjonijiet aggregati min-notifikasi. Għażla oħra ta' klassifikazzjoni aggregata partikolari tipprovdi d-dettalji tan-notifikasi aggregata.

L-ISTRUTTURA TAL-INFORMAZZJONI

In-notifikasi għall-istess sustanza huma miġbura fuq il-bażi tal-identifikaturi numeriċi tas-sustanza. Jekk ikunu jeżistu klassifikazzjoni u ttikkettar armonizzati għal sustanza, dawn jiġu jidhru fuq in-notifikasi. Ċerti iskrizzjonijiet ta' grupp fl-Anness VI għar-Regolament CLP m'għandhomx numri speċifiċi EC jew CAS assoċjati magħhom. Għal tali iskrizzjonijiet, mhux dejjem huwa possibbli tqabil awtomatiku ta' notifikasi u iskrizzjonijiet armonizzati.

In-notifikasi kollha, li jikklassifikaw l-istess sustanza bl-istess mod, ġew amalgamati. L-għadd ta' notifikasi amalgamati huwa indikat ukoll. Tqiesu l-elementi kollha tal-klassifikazzjoni u l-ittikkettar meta dawn ġew aggregati ħlief l-istat/il-forma fiżika tas-sustanza u kwalunkwe raġuni għal ebda klassifikazzjoni fi ħdan ċerta klassi ta' perikolu. Dawk id-differenzi, jekk ikunu jeżistu, jiġu jidhru fid-dettalji tal-klassifikazzjoni aggregata.

L-aggregazzjoni titwettaq b'mod awtomatiku, b'ebda verifika manwali mill-ECHA. Żbalji tekniċi matul il-proċess ta' notifikar jirriżultaw f'li jintwerew aggregazzjonijiet differenti. In-notifikaturi għandhom jagħmlu kull sforz biex jaslu għal qbil dwar il-klassifikazzjoni tas-sustanzi tagħhom sakemm ma jkunx hemm raġunijiet leġġitmi għal klassifikazzjonijiet differenti, bħal kompożizzjonijiet jew profili ta' impuritajiet differenti.

Minbarra li jindika l-għadd ta' notifikaturi wara kull aggregazzjoni, l-Inventarju jimmarka dawk il-klassifikazzjonijiet derivati minn dossier tar-reġistrazzjoni REACH ippreżentat b'mod konġunt.

IL-PERSPETTIVA

L-inventarju pubbliku C&L jirrappreżenta l-akbar dejtabejż ta' sustanzi awtoklassifikati u bi klassifikazzjoni armonizzata (fi ħdan l-UE), illum, u huwa uniku fid-dinja f'termini tal-ambitu tiegħu. Il-pubblikkazzjoni tiegħu tikkostitwixxi pass importanti fil-komunikazzjoni tal-perikolu taħt ir-responsabbiltajiet tal-ECHA u tista', għal perjodu fit-tul, tgħin biex ittejjeb l-użu sigur ta' sustanzi perikolużi minn konsumaturi, utenti professjonali u ħaddiema industrijal.

It-titjib tal-informazzjoni maħżuna fl-Inventarju ser iseħħi gradwalment u ser jiġu indirizzati stadji differenti li jeħtieġu sforz konġunt mill-partijiet kollha involuti.

Notifikaturi huma nkoraġġiti jikkontrollaw il-klassifikazzjonijiet għas-sustanzi tagħhom fuq l-Inventarju u jaġġornaw in-notifikasi tagħhom jekk neċċessarju. In-notifikasi kollha jistgħu jiġi aġġornati minnufih billi tintużza l-għoddha onlajn ipprovduta f'REACH-IT, irrispettivament mill-għoddha ta' notifikar inizjali użata (eż. IUCLID, l-għoddha tal-massa). Il-kontenut tal-Inventarju pubbliku C&L huwa aġġornat fuq bażi regolari. Notifikasi ġoddha u aġġornamenti ta' notifikasi eżistenti jistgħu ma jkunux jidhru immeddatament wara li jiġu ppreżentati, iżda dawn jiġu inklużi meta jsir 'refresh' tad-dejta.

Għal aktar informazzjoni u sostenn:

- Mistoqsijiet u Tweġibiet dwar l-Inventarju pubbliku C&L
- Mistoqsijiet u Tweġibiet tekniċi dwar Notifikasi C&L
- Gwida Prattika 7: Kif Tinnotifikasi Sustanzi l-İll-Inventarju tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikkettar (disponibbi fi 22 lingwa)